# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 34 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2013 fit- 6.00 p.m.***

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**34/01** **Talba**

**34/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm billi ntqalet it-talba.

**34/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 33**

**34/02/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

**34/03** **Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 33**

**34/03/01** **Para 33/03/01:- Tender għal-bini ta' rampa fi Ġnien il-Paċi**: Is-Sindku nforma l-Kunsill li meta nfetħet it-*Tender Box* u saret is-*Schedule of Tenders*, l-unika offerta li rċieva l-Kunsill kienet ta' €13,273.10. Il-Kunsillier is-Sur Alfred Muscat ippropona li minflok rampa jsir *lifter* u għalhekk għandna inkellmu lill-Perit tal-Kunsill u jekk il-MEPA tagħti permess lill-Kunsill li jista' jsir dan il-*lifter*, t-*tender* għar-rampa ma jingħatax. Skont is-Sur Muscat *lifter* ma għandux jiswa aktar minn €8,000. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' dan is-suġġeriment kif ukoll li jinġiebu stimi preliminarji bħal indikazzjoni ta' kemm jiswa *lifter* u li jinkiseb il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-*grant* li ser jingħata l-Kunsill tkun tista' tintuża għax-xiri ta' *lifter* minflok għall-bini ta' rampa.

**34/03/02** **Para 33/03/02:- *Youth in Action Project***: Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li l-pagament ta' €100 liż-żgħażugħ li pparteċipa fil-*Youth in Action Project* jista' jsir. Il-Kunsill unanimament approva dan il-pagament ta' €100.

**34/03/03** **Para 33/03/03:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad trid tinkiseb l-approvazzjoni finali mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ftehim ta' kera għat-Torri tas-Semaforu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**34/03/04** **Para 33/03/04:- Jum Ħal Għargħur 2013:** Il-Kunsill innota li l-attivitajiet għall-Jum il-Għargħur 2013 kienu suċċess u prattikament kull attivita' kellha attendenza tajba. Is-Sur Vincent Galea ssuggerixxa li meta jkun hemm attivita' formali/informali tal-Kunsill in-nisa/*partners* tal-Kunsillieri għandhom jkunu mistiedna formalment.

**34/03/05** **Para 33/03/05:- Ingaġġ ta' Skrivana fi Skala 15**: Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għas-sejħa tal-iskrivan Skala 15 wara li ġew intervistati l-applikanti li rċieva l-Kunsill li qegħdin fuq Part II tar-Reġistru tal-ETC. Il-Bord irrakomanda li Sinj Janice Bonnici tintgħażel peress li ġabet l-aktar marki. Is-Sinjura Bonnici għandha esperjenza ta' xogħol u għandha l-kwalifiċi meħtieġa. Jekk is-Sinj Bonnici ma taċċettax il-posizzjoni, il-Bord irrakkomanda li jintagħazel il-kandidat li ġie fit-tieni post.

Il-Kunsill unanimament approva l-impjieg u l-ħatra tas-Sinj. Janice Bonnici fi Skala 15. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt tax-xogħol tas-Sinj. Bonnici.

**34/03/06** **Para 33/03/07:- Ftehim ta' PPP:** Is-S.E. infurmat li l-ittra lid-Diptartiment għall-Gvern Lokali dwar it-tibdil propost għal-kisi ta' Triq Fra D. Mifsud bit-tarmak ser issir fil-jiem li ġejjin.

**34/03/07** **Para 33/03/08:- *Tender* Nru. T-03/13-24:** Is-S.E. infurmat li l-*Letter of Acceptance* lill-M. Quip Ltd fir-rigward ta' *Tender* Nru. T-03/13-24 ntbgħatet. Is-S.E. għandha tipprepara il-kuntratt ma M. Quip Ltd u toħroġ l-*works order* ħalli jibda x-xogħol.

**34/03/08** **Para 33/03/10:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Il-Kunsill unanimament iddeċieda li s-S.E. għandha tikkonferma eżatt fejn ser jeħel dan il-fanal u titlob lill-*electrician* biex imexxi dan il-fanal wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Enemalta.

**34/03/09** **Para 3/03/11:- Ġnien tal-Ponta**: Is.S.E. infurmat li l-Perit responsabbli minn dan il-proġett ser jieħu ħsieb ilesti s-*Second Project Progress Report* kif ukoll joħrog it-tieni *Progress Payment Request.*

**34/03/10** **Para 33/03/12:- Invit:** Ġie ippreżentat l-invit lill-Kunsillieri mingħand il-Kapillan Fr. Chris Galea għaċ-ċerimonja tal-pussess tiegħu bħala Kapillan tar-raħal. Il-Kapillan stieden ukoll lill-membri tas-Sotto Kumitati. Il-pussess tal-Kapillan ser isir fit-8 t'Awissu 2013 bil-quddiesa tibda fis-6.15pm. Wara ser issir riċeviment fil-bitħa tal-Oratorju.

**34/03/11** **Para 33/05/04: Ilmenti trab Barriera ta' Birguma:** Rigward l-ilmenti li meta jkun ir-riħ qed itir ħafna trab mill-barriera ta' Birguma, dawn ġew mgħoddija lill-Pulizija, lill-MEPA u lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar peress li din il-barriera qeda fil-konfini tan-Naxxar. Il-Kunsill segwa fejn talab li jiġi nfurmat jekk saritx *site inspection* fil-barriera sabiex jiġi ikkonfermat li l-operat tal-barriera hu nkonformi mal-permessi tal-operat kif ukoll sabiex ir-ramel jitqiegħed f'post ieħor fejn ma jkunx espost daqshekk għar-riħ. Is-S.E. ser tkompli issegwi sakemm il-Kunsill jirċievi risposta

**34/03/12** **Para 33/06/07:** Is-S.E. għandha tikteb lill-mittent ta' dan l-ilment sabiex tirringrazzjha li ħadet interess u irrappurtat kif ukoll tinfurmaha li l-Arriva investigat l-każ ser jittieħdu passi dixxiplinarji kontra s-sewwieq.

**34/03/13** **Para 33/07/01**: L-attivita' li kienet ser tiġi organizzata mill-Carciofi Restaurant thassret mis-sidien minħabba ċirkustanzi mhux mistennija li nqalgħu.

**34/03/14** **Para 33/07/02**: Il-Kunsill qiegħed jistenna biex jirċievi stima mingħand il-Koptasin sabiex tinħareg il-*purchase order* għat-twaħħil ta' *crash barrier* u għall-*chevron signs*.

**34/03/15** **Para 33/07/03:** Is-S.E. infurmat ill-Kunsill li l-kotba li kienu inxtraw għall-librerija ġew innotati kollha. Is-S.E. se tagħmel kuntatt mal-Librerija Nazzjonali biex nirreġistraw dawn il-kotba.

**34/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**34/04/01** Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**34/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**34/05/01** Is-Sindku nforma l-Kunsill li hu kien wieġeb lis-Sur Vincent Cassar Chairperson tal-MEPA rigward l-ilment imressaq mis-Sur Mark Manfred.

**34/05/02** **Ilment: 18113060194384 -** Ilmenti li qiegħed jintrema materjal ta' kostruzzjoni f'Wied Anglu fl-inħawi ta' Ġanninu. Is-Sindku spjega li hu kien waqqaf trakk li kien ser jarmi materjal tal-bini. Peress li sid it-trakk sostna li hu kellhu l-permess tal-MEPA sabiex jagħmel dan s-Sindku qallu biex jipproduċi kopja tal-permess tal-MEPA qabel ma jkompli jitfa' materjal.

Ftit wara sid l-art fejn kien ser jintefa' l-materjal kien ġie il-Kunsill u ma riedx iħalli kopja tal-permess mas-S.E. u qal li hu kien ser jordna lil tat-trakk sabiex jkompli jitfa l-materjal. Is-S.E. infurmat lis-sid li jekk ħa jkompli mingħajr ma jħalliha tara l-permess hija kienet ser tirraporta l-każ lill-Pulizija. Fil-fatt sar rapport mal-Pulizija u s-Surgent *on duty* dakinhar infurmat lis-S.E. li s-sid kien qal li kellhu permess. Il-Kunsill unanimament qabel li jinsisti mal-Pulizija sabiex huma jgħaddu d-dettalji tal-permess. Skont is-sit tal-MEPA, DNO li tkopri t-tqegħid ta' ħamrija u mhux materjal tal-bini kienet skaduta.

**34/05/03** **Suġġeriment: 18113055194381** – Talba minn resident sabiex jingħata kurduna u konkos biex jibni bankina quddiem *garage* Triq Emmanuel Perren. Dan is-suġġeriment ġie approvat mill-Kunsill unanimament.

**34/05/04** **Suġġeriment: 18113056194378:** Talba sabiex titkabbar il-kaxxa s-safra quddiem garaxx fi Triq Dun Salvatore Zarb. Il-Kunsill approva din it-talba unanimament.

**34/06** **Korrispondenza**

**34/06/01** Is-Sindku informa li l-għada tal-laqgħa kien ser jiltaqa' ma resident li joqgħod fi Triq Sta Katerina dwar allegazzjoni ta' bini bla permess tal-MEPA. Il-Kunsillieri setgħu jattendu għal din il-laqgħa.

**34/06/02** Is-Sindku nforma li kellhu talba mill-Kumitat Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi sabiex issir laqgħa dwar Triq Santa Katarina u Triq s-Sebħ. Is-S.E. għandha titkellem mas-S.E. tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi sabiex jifthemu fuq data għall-appuntament. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

**34/06/03** Memo 17/2013 Skema *Streaming* tal-Laqgħat *Online*. Is-Sindku ppreżenta mozzjoni 1/13 rigward din il-Memo. Il-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sur Christopher Fenech. Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa f'din l-iskema. Deċizjoni finali pero tittieħed meta l-Kunsill ikollu d-dettalji kollha tal-ispiża involuta wara li ssir sejħa għall-offerti.

**34/06/04** Memo 15/2013 dwar l-użu tal-*Internet Banking*. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-proposta u unanimament qabel li jipparteċipa. Is-S.E. ser issegwi.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**34/06/05** Ċirkulari AKL 44/2013 rigward sejħa għall-interess mill-Assoċjazzjoni ta' Muniċipalitajiet Taljani mir-Regjun ta' Campania. Is-S.E. ser tgħaddi iċ-Ċirkulari lill-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi li ser jieħu ħsieb jirrakkomanda lill-Kunsill dwar din il-proposta.

**34/06/06** Email mingħand l-Onor il-Perit Tony Bezzina fejn qed jitlob li jiltaqa' mal-Kunsill fil 5 ta' Awissu fil- 5.00 pm dwar Laqgħa ta' Konsultazzjoni. Il-Kunsill unanimament laqa' din it-talba.

**34/06/07** Rapport dwar il-*playflields* mingħand is-Sur Vincent Cassar. Dan ġie innotat. Is-SE għandha tibgħat ir-rapport iffirmat minnha u mis-Sindku.

**34/06/08** Ittra bid-data 1 ta' Lulju 2013 mingħand il-MEPA rigward Konsultazzjoni mal-Pubbliku dwar revizjoni tal-Pjanijiet Lokali. Saret diskussjoni u l-Kunsill unanimament qabel li jressaq il-proposti elenkati f'Appendix A mehmuz ma dawn il-minuti. Il-Kunsillier ġew imħeġġa jattendu kemm għall-laqgħa mal-pubbliku li ser issir fl-iskola primarja ta' B'Kara kif ukoll il-laqgħa li ser issir il-Kunsill ma uffiċċjali tal-MEPA fis-26 ta' Lulju.

**34/06/09** Memo 16/2013 dwar Kontribut Finanzjarju ta' Kunsill Lokali għal Xiri ta' Materjal Edukattiv għall-Iskejjel fejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali se jagħti permess lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu jistgħu jagħtu donazzjoni ta' kotba lill-iskejjel f'Jum il-Premjazzjoni. Din ġiet innotata.

**34/07** **Materji Oħra u Mistoqsijiet**

**34/07/01** Il-Kunsillier Fenech irrimarka li fis-sit fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki li kien ingħata lil K'Bara St Joseph ma kienx sar żvilupp u kien mitluq. Il-Kunsill innota li fil-passat kienet saret talba sabiex il-Gvern Ċentrali jerġa jieħu lura dan is-sit. Ġie unanimament deċiż li għal darba oħra issir talba sabiex il-Gvern Ċentrali jieħu lura dan is-sit u jgħaddih lill-Kunsill Lokali.

**34/07/02** Saret diskussjoni dwar ħofra quddiem garaxx fi Triq Żagħruna. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħdu ħsieb li dan ix-xogħol isir. Jekk ikun hemm bżonn, jinġabru stimi mingħand kuntratturi.

**34/07/03** Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar korrispondenza rigward *l-Measure 125* dwar *Infrastructure related to the development and Adaptation of Agriculture Application no MAGF 125/05* fejn il-MAG kienu talbu għall-iżjed dokumentazzjoni u informazzjoni sabiex tkun tista' tintlaqa l-applikazzjoni tal-Kunsill. Is-S.E. għandha tagħmel kuntatt mal-Perit Dieter Falzon sabiex jgħati d-dokumentazzjoni mitluba.

**34/07/04** Is-Sindku talab lis-S.E. sabiex torganiżża il-*Co-ordination Meeting* mal-Pulizija, mal-Kapillan u mal-għaqdiet li huma involuti fil-festa.

**34/07/05** Il-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech qal li hemm siġra fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki li mietet. Huwa kellem lill-ELC sabiex jagħtuna stima biex nizirgħu siġra oħra.

**34/07/06** Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill fuq l-attivitajiet li kien ser jorganiżża s-Sotto-Kumitat taz-Żgħażagħ fosthom fuq ix-xibka tal-bżieżaq għall-festa, il-ħarga l-għada tal-festa li ser issir flimkien maż-żgħażagħ tal-Għaqda tan-Nar, l-attivita' għall-Halloween u t-tieni edizzjoni Milied fil-Pjazza.

**34/08** **Aġġornament**

**34/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.00 pm wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 2013 fis-6.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **30 Lulju 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**Appendix A**

Fir-rigward tar-revizjoni tal-Pjan Lokali il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur qed jipproponi li:-

1. Ir-raħal għandu jibqa' iżomm il-karetteristika prinċipali tiegħu bħala raħal tipiku Malti, bil-Knisja fin-nofs tal-lokalita' u bil-bini residenzjali imdawwar magħha. Għalhekk kull zvilupp propost għandu l-ewwel u qabel kollox jirrispetta din il-viżjoni. Ma għandux jitħalla li jsir bini li l-għoli tiegħu ikun jistona mad-dehra ġenerali tar-raħal. Il-lokalita' għandha tibqa' distinta' u separata mill-irħula tal-viċin u għalhekk trid tiġi ippriservata l-kurduna l-ħadra u mingħajr bini li preżentament iddawwar il-lokalita'

2. Fil-*village core* ma għandux jingħata permess għall-bini ta' appartamenti u l-għoli tal-bini ma għandux jaqbeż iż-żewġ sulari + *washroom.*

3. Il-bini fil-*village core* għandu jkun fil-maġġoranza kbira tiegħu bini residenzjali b'xejra li tkun tixraq lil u tingħaraf bħal ta' raħal antik. Għalhekk il-materjal u l-kuluri li jintużaw għandhom ikunu tradizzjonali u li jikkumplimentaw il-viżjoni ta' raħal tipiku Malti. Ħwienet ikunu limitati biss biex jaqdu l-ħtigijiet tar-residenti tal-lokal.

4. Għandhom jiġu żviluppati postijiet pubbliċi għal parkeġġ tal-vetturi sabiex tissolva l-problema li dejjem qed tiżdied ta' nuqqas ta' spazji għal-parkeġġ ikkawżata miż-żieda sostanzjali ta' vetturi tar-residenti.

5. Fl-isqaqien u ċerti toroq li huma dojoq ma għandhomx jingħataw permessi għall-appartamenti. Meta tkun qed tikkunsidra l-ħruġ ta' permess tal-bini l-MEPA għandha tieħu aktar in konsiderazzjoni l-impatt li dan ser ikollhu e.g. żieda fit-traffiku kif ukoll il-proposti li jressaq il-Kunsill.

6. Għandu jitjieb l-aċċess għar-raħal bit-twessigħ tat-triq Sta Katerina / Triq Naxxar u parti minn Triq il-Ġnien.

7. Ma għandhomx jingħataw permessi speċjalment f'żoni ODZ għal kmamar tan-nar ġodda u *farms* ġodda pero' jistgħu jiġu ikkunsidrati extensjonijiet għal kmamar tan-nar u *farms* li diġa' jeżistu u li illum għandhom permess validu.

8. Ma għandux jingħata permess għal żvilupp ta sit fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki li qabel kien barriera u maż-żmien intradam. Dan is-sit għandu jibqa' bħala wesgħa vojta jew inkella jekk jingħata permess ikun sabiex fih jiġi żviluppat ġnien żgħir

9. Ma għandhomx jingħataw permessi għall-*internal development*.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **30 Lulju 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |